# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2181

## tad-9 ta' Diċembru 2021

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK).

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 ([2]) b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem marbut miegħu fir-RDK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi awtonomi fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(3) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, u filwaqt li jitqies il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK, jenħtieġ li dawk l-miżuri jiġġeddu sat-12 ta' Diċembru 2022 u jenħtieġ li persuna waħda titneħħa mil-lista fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni,

(4) It-titlu tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u r-raġunijiet għall-elenkar relatati ma' ċerti persuni elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK jenħtieġ li jiġu emendati.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2) għandhom japplikaw sat-12 ta' Diċembru 2022. Huma għandhom jiġġeddu, jew jiġu emendati kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħhom ma jkunux intlaħqu.";

(3) il-lista stabbilita fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija sostitwita bil-lista stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7).

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. HOJS

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(2)**

A. Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Ilunga KAMPETE | magħruf ukoll bħala Gaston Hughes Ilunga Kampete; Hugues Raston Ilunga Kampete<br>Data tat-twelid: 24.11.1964<br>Post tat-twelid: Lubumbashi, RDK<br>Nazzjonalità: RDK<br>Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-86-22311-29<br>Indirizz: 69, avenue Nyangwile, Kinsuka Mimosas, Kinshasa/Ngaliema, DRC<br>Sess: Raġel | Bħala Kmandant tal-Gwardja Repubblikana (GR) sa April 2020, Ilunga Kampete kien responsabbli għall-unitajiet tal-GR skjerati fuq l-art u involuti fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa.<br>Huwa kien ukoll responsabbli għar-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn aġenti tal-GR, bħar-repressjoni vjolenti ta' manifestazzjoni tal-oppożizzjoni f'Lubumbashi f'Diċembru 2018.<br>Minn Lulju 2020, huwa jibqa' suldat ta' livell għoli, bħala Logutenent Ġenerali fil-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) u Kmandant tal-bażi militari ta' Kitona fil-provinċja ta' Kongo Central. Skont il-funzjonijiet tiegħu huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC.<br>Ilunga Kampete kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. | 12.12.2016 |
| 2 | Gabriel AMISI Kumba | magħruf ukoll bħala Gabriel Amisi Nkumba; 'Tango Fort'; 'Tango Four'<br>Data tat-twelid: 28.5.1964<br>Post tat-twelid: Malela, RDK<br>Nazzjonalità: RDK<br>Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-87-77512-30<br>Indirizz: 22, avenue Mbenseke, Ma Campagne, Kinshasa/Ngaliema RDK<br>Sess: Raġel | Eks Kmandant tal-ewwel żona tad-difiża tal- Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) li ħadu sehem fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Kap tal-Persunal tal- FARDC inkarigat mill-operazzjonijiet u l-intelligence minn Lulju 2018 sa Lulju 2020, u minħabba d-dmirijiet għolja tiegħu bħala Spettur Ġeneral tal-FARDC minn Lulju 2020, huwa responsabbli għal ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC.<br>Gabriel Amisi Kumba kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. | 12.12.2016 |
| 3 | Ferdinand ILUNGA Luyoyo | Data tat-twelid: 8.3.1973<br>Post tat-twelid: Lubumbashi, RDK<br>Nazzjonalità: RDK<br>Numru tal-passaport tar-RDK: OB0260335 validu mill-15.4.2011 sal-14.4.2016 | Bħala Kmandant tal-unità kontra l-irvellijiet imsejħa *Légion Nationale d'Intervention* tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC) sal-2017, u Kmandant tal-unità responsabbli għall-protezzjoni tal-istituzzjonijiet u l-uffiċjali ta' livell għoli fil-PNC sa Diċembru 2019, Ferdinand Ilunga Luyoyo kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza u r-repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa, u għandu r-responsabbiltà għall-ksur sussegwenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-PNC. | 12.12.2016 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Indirizz: 2, avenue des Orangers, Kinshasa/Gombe, RDK<br><br>Sess: Raġel | Ferdinand Ilunga Luyoyo kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br><br>Ferdinand Ilunga Luyoyo żamm il-grad tiegħu ta' Ġeneral u għadu attiv fix-xena pubblika fir-RDK. | |
| 4 | Célestin Kanyama | magħruf ukoll bħala Kanyama Tshisiku Celestin; Kanyama Celestin Cishiku Antoine; Kanyama Cishiku Bilolo Célestin; "Esprit de mort"<br><br>Data tat-twelid: 4.10.1960<br><br>Post tat-twelid: Kananga, RDK<br><br>Nazzjonalità: RDK<br><br>Numru tal-passaport tar-RDK: OB0637580 (validu mill-20.5.2014 sad-19.5.2019)<br><br>Viża ta' Schengen bin-numru 011518403, maħruġa fit-2.7.2016<br><br>Indirizz: 56, avenue Usika, Kinshasa/Gombe, RDK<br><br>Sess: Raġel | Bħala Kummissarju tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC), Célestin Kanyama kien responsabbli għall-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa.<br><br>F'Lulju 2017, Célestin Kanyama nħatar Direttur Ġenerali tal-iskejjel ta' taħriġ tal-PNC.<br><br>F'Ottubru 2018, meta kien f'dik il-kariga, uffiċjali tal-pulizija intimidaw u ċaħħdu lill-ġurnalisti mil-libertà wara l-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' artikli dwar il-miżappropprjazzjoni tar-razzjonijiet tal-kadetti tal-pulizija. Célestin Kanyama kellu rwol f'dawk l-avvenimenti.<br><br>Minħabba r-rwol tiegħu bħala uffiċjal anzjan tal-PNC, li għad għandu llum, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-PNC. Célestin Kanyama kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. | 12.12.2016 |
| 5 | John Numbi | magħruf ukoll bħala John Numbi Banza Tambo; John Numbi Banza Ntambo; Tambo Numbi<br><br>Data tat-twelid: 16.8.1962<br><br>Post tat-twelid: Jadotville-Likasi-Kolwezi, RDK<br><br>Nazzjonalità: RDK<br><br>Indirizz: 5, avenue Oranger, Kinshasa/Gombe, RDK<br><br>Sess: Raġel | John Numbi kien l-Ispettur Ġenerali tal-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) minn Lulju 2018 sa Lulju 2020. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC bejn Lulju 2018 u Lulju 2020, bħal vjolenza sproporzjonata kontra minaturi illegali minn Ġunju sa Lulju 2019 minn truppi tal-FARDC taħt l-awtorità diretta tiegħu.<br><br>John Numbi kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br><br>Sal-bidu tal-2021, John Numbi kellu pożizzjoni ta' influwenza fl-FARDC, speċjalment f'Katanga, fejn ġie rrappurtat ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC.<br><br>John Numbi għadu theddida għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK, speċjalment f'Katanga. | 12.12.2016 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6 | Evariste Boshab | magħruf ukoll bħala Evariste Boshab Mabub Ma Bileng<br>Data tat-twelid: 12.1.1956<br>Post tat-twelid: Tete Kalamba, RDK<br>Nazzjonalità: RDK<br>Numru tal-passaport diplomatiku: DP0000003 (validu minn 21.12.2015 sa 20.12.2020)<br>Il-viża ta' Schengen skadiet fil-5.1.2017<br>Indirizz: 3, avenue du Rail, Kinshasa/Gombe, RDK<br>Sess: Raġel | Fil-kapaċità tiegħu ta' Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà minn Diċembru 2014 sa Diċembru 2016, Evariste Boshab kien uffiċjalment responsabbli għall-pulizija u s-servizzi ta' sigurtà u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gvernaturi provinċjali. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-arrest ta' attivisti u ta' membri tal-oppożizzjoni, kif ukoll għall-użu sproporzjonat tal-forza, inkluż bejn Settembru 2016 u Diċembru 2016 b'reazzjoni għad-dimostrazzjonijiet f'Kinshasa, li wassal biex għadd kbir ta' ċivili nqatlu jew indarbu mis-servizzi ta' sigurtà.<br>Evariste Boshab kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br>Evariste Boshab kellu wkoll rwol fl-isfruttament u fl-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai, fejn huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza, b'mod partikolari minn mindu sar is-Senatur ta' Kasai f'Marzu 2019. | 29.5.2017 |
| 7 | Alex KANDE Mupompa | magħruf ukoll bħala Alexandre Kande Mupomba; Kande-Mupompa<br>Data tat-twelid: 23.9.1950<br>Post tat-twelid: Kananga, RDK<br>Nazzjonalità: Kongoliża u Belġjana<br>Numru tal-passaport tar-RDK: PO0024910 (validu minn 21.3.2016 sa 20.3.2021)<br>Indirizzi: Messidorlaan 217/25, 1180 Uccle, Belgium<br>1, avenue Bumba, Kinshasa/Ngaliema, RDK<br>Sess: Raġel | Bħala Gvernatur ta' Kasai Central sa Ottubru 2017, Alex Kande Mupompa kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza, repressjoni vjolenti għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tas-sigurtà u l-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC) f'Kasai Central minn Awwissu 2016, inkluż qtil fit-territorju ta' Dibaya fi Frar 2017.<br>Alex Kande Mupompa kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br>Alex Kande Mupompa kellu wkoll rwol fl-isfruttament u l-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai, reġjun li kien rappreżentant tiegħu sa Ottubru 2019 u li fih huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza permezz tal-*Congrès des alliés pour l'action au Congo* (CAAC), li huwa parti mill-gvern provinċjali ta' Kasai. | 29.5.2017 |
| 8 | Éric Ruhorimbere | magħruf ukoll bħala Eric Ruhorimbere Ruhanga; "Tango Two"; "Tango Deux"<br>Data tat-twelid: 16.7.1969<br>Post tat-twelid: Minembwe RDK<br>Nazzjonalità: RDK | Bħala Viċi Kmandant tal-21 reġjun militari minn Settembru 2014 sa Lulju 2018, Éric Ruhorimbere kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza u għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tal- Forzi Armati Kongoliżi (FARDC), b'mod partikolari kontra l-milizzja Nsapu u kontra nisa u tfal.<br>Éric Ruhorimbere ilu l-Kmandant tas-settur operattiv ta' Nord Equateur minn Lulju 2018. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. | 29.5.2017 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Numru tal-karta tal-identità militari: 1-69-09-51400-64<br>Numru tal-passaport tar-RDK: OB0814241<br>Indirizz: Mbujimayi, Provinċja ta' Kasai, RDK<br>Sess: Raġel | Éric Ruhorimbere kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. | |
| 9 | Emmanuel Ramazani SHADARY | magħruf ukoll bħala Emmanuel Ramazani Shadari Mulanda; Shadary<br>Data tat-twelid: 29.11.1960<br>Post tat-twelid: Kasongo, RDK<br>Nazzjonalità: RDK<br>Indirizz: 28, avenue Ntela, Mont Ngafula, Kinshasa, RDK<br>Sess: Raġel | Bħala Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà sa Frar 2018, Emmanuel Ramazani Shadary kien uffiċjalment responsabbli għall-pulizija u s-servizzi tas-sigurtà u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gvernaturi provinċjali. F'dik il-kapaċità, kien responsabbli għall-arresti ta' attivisti u membri tal-oppożizzjoni, kif ukoll għall-użu sproporzjonat tal-forza, bħall-miżuri ta' repressjoni vjolenti ta' membri tal-moviment Bundu Dia Kongo (BDK) fil-Kongo Ċentrali, ir-repressjoni f'Kinshasa minn' Jannar sa Frar 2017 u l-użu sproporzjonat tal-forza u r-repressjoni vjolenti fil-provinċji ta' Kasai.<br>F'dik il-kapaċità, Emmanuel Ramazani Shadary kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br>Minn Frar 2018, Emmanuel Ramazani Shadary ilu segretarju permanenti tal-*Parti du peuple pour la reconstruction et le développement* (PPRD), li sa Diċembru 2020 kien il-partit ewlieni fil-koalizzjoni taħt l-eks President Joseph Kabila. | 29.5.2017 |
| 10 | Kalev Mutondo | magħruf ukoll bħala Kalev Katanga Mutondo; Kalev Motono; Kalev Mutundo; Kalev Mutoid; Kalev Mutombo; Kalev Mutond; Kalev Mutondo Katanga; Kalev Mutund<br>Data tat-twelid: 3.3.1957<br>Nazzjonalità: RDK<br>Numru tal-passaport tar-RDK: DB0004470 (validu minn 8.6.2012 sa 7.6.2017)<br>Indirizz: 24, avenue Ma Campagne, Kinshasa, RDK<br>Sess: Raġel | Bħala l-Kap tas-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali (ANR) sa Frar 2019, Kalev Mutondo kien involut fl-arrest arbitrarju, id-detenzjoni u t-trattament ħażin ta' membri tal-oppożizzjoni, attivisti tas-soċjetà ċivili u oħrajn, u responsabbli għal dawn l-atti.<br>Kalev Mutondo kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.<br>F'Mejju 2019, huwa ffirma dikjarazzjoni ta' lealtà passata u futura lejn Joseph Kabila, lejn min jibqa' assoċjat mill-qrib.<br>Sal-bidu tal-2021, Kalev Mutondo kellu livell għoli ta' influwenza politika, fir-rwol tiegħu bħala "konsulent politiku" tal-Prim Ministru tar-RDK.<br>Huwa allegat li għad għandu influwenza f'xi partijiet tal-forzi tas-sigurtà. | 29.5.2017 |

B. Entitajiet"